MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tad-29 ta' April, 2003

Avviz Numru. 82/1996/1

F. Glanville Enterprises Limited .

vs

Sandra Haber .

Il-Qorti ,

Rat l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenuta tghid ghaliex m'ghandhiex tigi kkundannata minn din il-Qorti thallas is-somma ta' seba' mija u tmien liri maltin u wiehed u sebghin centezmi (Lm708.71c), rapprezentanti l-prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenuta .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li eccepiet

1. Illi hija qed tikkontesta t-talba attrici in kwantu l-merkanzija li dwarha qeghda tagixxi s-socjeta'

attrici ma gietx mibjugha lill-konvenuta izda giet biss mghoddiha lilha *on consignment .*

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha, l-affidavitsipprezentati u d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawza s-socjeta' attrici qed tirreklama minghand il-konvenuta l-ammont indikat fl-Avviz, li hija tippretendi li ghadu dovut bhala bilanc minn prezz akbar ghal merkanzija konsistenti f'affarijiet ta' *toiletries* mibjugha u kkonsenjati lilha . Il-konvenuta qed tikkontesta din it-talba ghax tippretendi illi din il-merkanzija kienet giet fdata lilha "*on consignment basis*" u ghalhekk l-unika obbligu li kellha kien illi thallas ta' l-oggetti li tbiegh u tirritorna dawk li ma gewx mibjugha minnha .

Irrizulta illi n-negozju bejn il-kontendenti beda ghall-bidu tas-sena elf disa mija hamsa u disghin (1995) meta ntlahaq ftehim sabiex il-konvenuta tiehu minghand is-socjeta' attrici merkanzija " *on consignment basis*" sabiex il-konvenuta tipprova tbieghha f'Ghawdex . Fuq dawk il-prodotti li l-konvenuta kien jirnexxilha tbiegh kienet tiehu *commission* ta' ghaxra fil-mija (10%), u l-oggetti l-ohra setghet tirritornahom minghajr obbligazzjoni . Dan l-arrangament jidher li mexa sew sakemm is-socjeta' attrici giet biex taghmel li *stock taking* fl-ahhar tas-sena 1995 . Joseph Glanville proprjetarju jew diretttur tas-socjeta' attrici ghalhekk gie Ghawdex ghand il-konvenuta sabiex jara x'merkanzija kien ghad baqghalha f'idejha . Ghamel gurnata ghand il-konvenuta jezamina l-merkanzija u ghabba hafna minnha biex jehodha lura Malta . Pero' sa hawnhekk biss jaqblu l-partijiet ghax fuq xi ftehmu dwar il-bqija tal-merkanzija li ma tghabbietx biex tittiehed lura Malta, ghandna zewg verzjonijiet differenti .

Joseph Glanville jsostni illi l-konvenuta ma riditx tirritorna li *stock* kollu li kellha ghandha, imma ghazlet xi affarijiet li

dehrilha li kienet ser issib il-bejgh taghhom . Filwaqt li hallsitu ta' l-istock mibjugh u ttiehed in konsiderazzjoni dak li kien ser jigi ritornat, Haber, billi ma kelliex bizzejjed flus disponibbli, weghditu li ser thallsu l-bilanc dovut fuq li *stock* li zammet sal-15 ta' Jannar 1996 . Ghalieh ghalhekk ma kienx ghad hemm aktar bejgh *on consignment basis* imma *an outright purchase* da parti tal-konvenuta ta' li stock li kienet zammet .

Sandra Haber minn naha l-ohra tikkontendi illi hija ma riedet izzomm xejn aktar mill-merkanzija ghax xtaqghet tittermina n-negozju ghal kollox minhabba ragunijiet familjari . Li *stock* li ma tghabbiex fil-karozza tas-sur Glanville, thalla ghandha ghax ma kienx ghad baqa' wisgha . Ghalhekk ftehmu illi kellha tinzel hija stess bix-xoghol il-Marfa u dan jingabar mis-sur Glanville . Pero' dan baqa' ma sarx ghax minkejja li ftehmu tliet darbiet meta kellha ssir din il-konsenja, hija kellha thassar dawn l-appuntamenti, darbtejn minhabba l-maltemp, u darb'ohra billi kellha t-tifel marid . In segwitu inbdew il-proceduri legali kontriha u l-affarijiet baqghu ghandha .

Il-verzjoni tas-sur Glanville giet ikkorroborata minn Rose Giorgio, ex-impjegata tas-socjeta' attrici li kkonfermat illi meta kienet iccempel lill-konvenuta dwar il-hlas dovut, din dejjem weghditha li ser taghmel il-pagamenti relattivi dalwaqt, u qatt ma semmiet xejn dwar *stock* li kellu jigi ritonat .

Dik tal-konvenuta giet korroborata minn zewgha li kien prezenti meta s-sur Glanville gie Ghawdex id-dar taghhom fl-ahhar tal-1995 .

Il-kompitu tal-Qorti ghalhekk huwa li tiddecidi liema minn dawn iz-zewg verzjonijiet hija l-aktar kredibbli, fid-dawl ta' dak li rrizulta mill-provi u dokumenti prodotti .

Giet imsejha bhala xhud tas-socjeta' attrici certu Annie Hili, *hairdresser* li kienet xtrat xi xoghol minghandha permezz tal-konvenuta u li l-hlas tieghu baqa' pendenti . L-invoice relattiva, (li kopja taghha giet esebita bhala "Dok. AH. 1" a fol. 26 tal-process) iggib id-data tat-28 ta'

Dicembru 1995 fl-ammont ta' Lm37.54 . Hili stqarret illi hija kienet hallset dan il-kont lill-konvenuta permezz ta' *cheque* datat l-4 ta' Novembru 1996 u ndirizzat lis-socjeta' attrici (Dok. AH. 2) . Gara pero' illi ghal xi raguni l-konvenuta baqghet ma ghaddietx il-cheque lis-socjeta' attrici . Xhur wara marret ghand ix-xhud u filwaqt illi rritornatilha c-cheque, talbitha taghtiha minflok flus kontanti .

Joseph Glanville esebixxa wkoll kopja ta' ittra datata t-28 ta' Jannar 1996 indirizzata lill-konvenuta, fejn hemm indikat il-bilanc li kien ghadu dovut mis-sena 1995, flimkien ma erba' invoices ohra rigwardanti xoghol li jidher li ttiehed wara dik il-gurnata li kien ghamel Ghawdex ghand il-konvenuta (Dok. JG.1) . Jigi nnotat illi l-fattura nru. 015896 tirreferi ghall-kont indirizzat lill "Annie Hair Dresser" u mahrug fit-28 ta' Dicembru 1995 (Dok. AH. 1) . Esebixxa wkoll kopja tal-fattura Nru. 015895 ghall-ammont ta' Lm75.45 intestata "Sandra" u datat wkoll it-28 ta' Dicembru 1995 (Dok. JG. 2) .

Dawn iz-zewg fatturi jaghtu x'wiehed jifhem illi mhuwiex minnu dak li stqarret il-konvenuta fis-sens illi hija ma rieditx taghmel aktar negozju mas-socjeta' attrici, wara dik l-okkazjoni meta s-sur Glanville mar ghandha ghall-istocktaking . Infatti hija tammetti illi l-flus ghal dawn iz-zewg fatturi ngabru minnha, u ghalkemm ma taghtix spjegazzjoni ghaliex zammithom ghandha, tghid li lesta taghtihom lis-socjeta' attrici flimkien mal-bqija tal-merkanzija li baqghet ma nbieghtx.

Jidher ghalhekk illi l-konvenuta zammet il-merkanzija in kwistjoni ghax kellha l-hsieb tinnegozjaha kif fil-fatt ghamlet ghal parti minnha, u mhux ghax is-socjeta' attrici m'accettathiex lura . Di piu' ma kien hemm xejn x'izommha milli tibghat il-flus li kienet gabret minghand il-klijenti lis-socjeta' attrici biex ta' l-inqas tnaqqas l-ammont kontestat, u li tiddepozita l-merkanzija li riedet tirritorna l-Qorti, jekk din tassew giet rifjutata . Imma minn dak kollu l-konvenuta ghar-ragunijiet taghha baqghet ma ghamlet xejn .

F'tali cirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma illi iktar ghandha toqghod fuq il-verzjoni tas-sur Glanville illi l-konvenuta zammet parti mill-merkanzija biex tinnegozjaha u mhux ghax ma kellux wisgha ghaliha fil-karrozza tieghu . Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta li hija gustifikata . L-ammont mitlub fl-Avviz huwa l-istess wiehed indikat fuq l-ittra Dok. JG. 1 mibghuta lill-konvenuta fit-28 ta' Jannar 1996 .

Ghal dawn il-motivi tiddecidi l-kawza billi, filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma indikata fl-Avviz u cioe' l-ammont ta' seba' mija u tmien liri maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm708.71) rapprezentanti l-prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lilha .

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess konvenuta .
S8296G3(Pc) inf

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------